



Brussell, 7 ta' Ottubru 2016
(OR. en, de)

Fajl Interistituzzjonal:
2013/0029 (COD)

12860/16
ADD 1

CODEC 1379
TRANS 375

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġeneral tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Abbozz ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2012/34/UE fir-rigward tal-ftuñ tas-suq tas-servizzi tat-trasport domestiku tal-passiġġieri bil-ferrovija u l-governanza tal-infrastruttura ferrovjarja (**I-ewwel qari**)
- Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
= Dikjarazzjoni

Dikjarazzjoni mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tapprova l-kompromessi dwar il-pilastru politiku tar-Raba' Pakkett Ferrovjarju, li jkomplu jippermettu l-eżistenza ta' sistemi integrati, filwaqt li fl-istess ġin jipprevedu regolazzjoni b'saħħitha u effettiva u trasparenza ta' flussi finanzjarji.

Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tqis li huwa importanti li jiġi nnotat li l-Artikolu 7d jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-kontroll ta' trasferimenti finanzjarji - pereżempju -għall-ħlas ta' dividendi u self u li l-premessa 17 ma tintroduċi l-ebda regola addizzjonal.

Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tkompli tinterpreta l-Artikolu 7d u l-premessa 18 fis-sens li huwa possibbli li l-maniġers tal-infrastruttura jħallsu dħul u dividendi direttament jew permezz ta' entità legali oħra fi ħdan l-impriża, lis-sid. It-terminu 'sid tal-impriża', li lilu għandu jiġi ttrasferit id-dħul, skont l-Artikolu 7d, għandu jinftiehem bħala li jinkludi mhux biss l-Istat bħala s-sid dirett tal-impriża tal-infrastruttura, iżda wkoll l-Istat bħala s-sid aħħari.
